Illum, wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar elfejn u sitta u għoxrin (2026).

Quddiemi Nutar Dottor Anthony Hili Nutar Pubbliku f'Malta qeghdin jidhru personalment:-

Mill-Ewwel Parti:

Georgina Gauci, mart Albert Gauci, bint Alfred Camilleri u Eugenia Camilleri nee Borg, imwielda Sannat, Ghawdex fit-tlettax (13) ta' Mejju elf disa' mija disgha u sittin (1969) u residenti Sannat, Ghawdex: Karta tal-Identita numru 13869G li qeghdha tidher fuq dan il-att ghan-nom u fl-interess tal-"**Bank of Valletta p.l.c.**" kumpanija irregistrata bl-ittra 'C' numru tnejn tmienja tlieta tlieta (C 2833) bl-indirizz ufficjali gewwa tmienja u hamsin (58) Triq San Zakkarija, il-Belt Valletta hekk kif debitament awtorizzata ghal dan il-ghan, hawn aktar 'il quddiem imsejjah "**il-Bank**".

Mit-Tieni Parti:

Christopher Borg, zewg Angie Borg, iben il-mejjet Emmanuel Borg u Carmen Borg nee' Vella, imwieled Rabat, Ghawdex, fit-8 ta' Jannar 1987 u residenti Don Bosco, Flat 2, Triq l-Imblokk tal-Francizi, Rabat, Ghawdex, bil-karta tal-identita' numru 12487G, li qieghed jidher fuq dan l-att:

(A) ghan-nom, f'isem u in rappprezentanza tal-kumpanija **ELZAN PROPERTIES LIMITED**, C86669, b'indirizz registrat Elzan, Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Rabat, Ghawdex, kif debitament awtorizzat bil-Board Resolution tal-istess kumpanija li qed tigi hawn annessa u immarkata bhala **dokument "A"**, *in kwantu ghal kwota ta' hamsin fil-mija (50%);*

(B) ghan-nom, f'isem u in rapprezentanza tal-kumpanija **M CARUANA PROPERTIES LIMITED**, C106532, b'indirizz registrat 60, "Dar il-Billi", Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, kif debitament awtorizzat bil-Board Resolution tal-istess kumpanija li qed tigi hawn annessa u

immarkata bhala **dokument "B"**, *in kwantu ghal kwota ta' hamsin fil-mija (50%).*

L-imsemmija ELZAN PROPERTIES LIMITED u M CARUANA PROPERTIES LIMITED huma hawn iktar 'l isfel, flimkien u in solidum bejniethom, imsejhin **"il-Klijenti"** u/jew **"il-Kompraturi"** skond il-kaz.

L-istess imsemmija ELZAN PROPERTIES LIMITED hija hawn iktar 'l isfel, xi drabi imsejha **"l-Assenjanti"**.

U mit-Tielet parti:

Il-Perit **Guido Vella**, mizzewweg lil Maria Vella, iben il-mejtin Salvatore Vella u Carmela Vella nee Debono, imwieled Nadur, Ghawdex fit-2 ta Lulju 1948 u residenti Nadur, Ghawdex, bil-karta tal-identita numru 51148G u martu **Maria Vella**, bint il-mejtin Joseph Caruana u Josephine Caruana nee' Debrincat, imwielda Rabat, Ghawdex fid-19 t April 1952 u residenti Nadur, Ghawdex, bil-karta tal-identita numru 30352G, fuq dan l-att, flimkien u solidalment, maghrufin bhala **"il-Vendituri".**

Minni Nutar identifikati permezz tad-dokumenti ufficjali hawn fuq imsemmija.

Fl-**Ewwel Parti** ta' dan l-Att: **Self**

U billi l-Klijenti talbu lill-Bank sabiex jaghtihom b'self is-somma ta' ***miljun mitejn u hamsa u hamsin elf Euro (€1,255,000)*** li ghandha isservi in parti, u cioe l-ammont ta' seba' mitt elf Euro (€700,000) biex jithallas parti mill-prezz tas-sottoskritta propjeta' li ser tigi akkwistata aktar l-isfel fuq dana l-att, in parti, u cioe l-ammont ta' hames mija u hamsa u hamsin elf Euro (€555,000), biex ihallsu lil perit, haddiema u kuntratturi, fornituri ta' materjal li jaghmlu xoghol fuq il-[illegible] tal-blokk residenzjali li ser jinbena fuq il-proprjeta li sejra tigi akkwistata mill-Klijenti fit-tielet parti ta dan l-att, fejn tinsab ahjar deskritta u in garanzija ta' dan is-self il-Klijenti offrew lill-Bank ipoteka generali fuq l-beni kollha taghhom in generali, presenti u futuri, ipoteka specjali fuq il-proprjeta' li ser tinxtara minnhom bis-sahha tat-tielet parti ta' dan il-att u kif ukoll privilegg specjali moghti lill-Bank skond il-ligi fuq l-istess proprjeta' deskritta ahjar fit-tielet parti ta' dan il-att u dan oltre' kull u kwalsiasi sigurta' ohra li tista tigi miftehma bejn il-Bank u l-Klijenti minn zmien ghal zmien.